# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar it-Tnejn hamsa (5) taʼ Marzu 2018**

**Rikors Numru 76/16 FDP**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali Nru 724/16 mibghuta a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 fl-ismijiet**

**Automted Revenue Management Services Limited**

**vs**

**Joseph Farrugia**
**(ID 33145M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fil 15 ta' April 2016 fejn ir-rikorrent Joseph Farrugia talab lill-Qorti s-segwenti:

1. *Illi l-esponenti gie notifikat b'ittra ufficiali sureferita, li permezz taghha s-societa mittenti Automated Revenue Management Services Limited interpellatu sabiex ihallas is-somma ta' €10,558,2 allegatament dovuti bhala konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjez amministrattivi, connection u disconnection fees, flimkien ma' imghax dovut fuq l-ammont skont il-ligi relatat mal-kont tas-servizzi utili bin-numru 101000073752, ossia dwar il-fond bl-indirizz 11, Butcher, Triq l-Kbira, Tarxien;*

2. *Illi din l-ittra saret a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 466 tal-Kodici tal Organizazzjoni u Procedura Civili;*

3. *Illi l-esponent ma' ha l-ebda beneficciu mis-servizz provdut, ghaliex fil-perjodu inkwistjoni l-fond bl-indirizz 11, Butcher, Triq il-Kbira, Tarxien kien sullokat lil Paul Vella, detentur tal-karta ta' identita' 79545M kif*

*ikkonfermat fil-kuntratt iffirmat quddiem in-Nutar Dottor Roland John Wadge, fl-20 ta' Mejju 2003, hawn anness u mmarkat bhala Dokument A 4.*

4. *Illi l-istess Paul Vella, flimkien ma' ibnu Jonathan Vella detentur tal-Karta ta' l identita' bin-numru 59684M kienu jiggesitixxu attivita' kummerciali fl-istess fond sullokat lilhom permezz tas-surriferit kuntratt;*

5. *Illi l esponenti kien interpella diversi drabi, permezz ta' ittri legali, lil Jonathan Vella biex immedjatament jersaq biex ihallas il-kontijiet pendenti li kellu jew jidhol f'xi tip ta' arrangament mas-socjeta mittenti Automated Revenue Management Services Limited;*

6. *Illi oltre dan, ir-rikorent kien akkumpanja lill-istess Jonathan Vella fl-Ufficini tas-societa mittenti biex isir t-trasferiment tal-kont minn fuq l-esponenti ghal fuq Jonathan Vella, ghalkemm l-istess Jonathan vella iffirma l-formola relattiva provduta miss-Societa mittenti, kif ikkonfermat fid-dokument anness u mmarkat bhala Dokument B, il-formola ma kienetx sottomessa lil l-istess Societa mittenti minhabba li s-Sid il fond Emmanuel Carcia beda jirrifiuta li jiffirma l-istess formula;*

7. *Illi l-ittra ufficjali de quo giet indirizzata kemm lil esponent kif ukoll lil Jonathan Vella stante li kien sar ftehim ta' ripagament bejn Jonathan Vella s-socjeta mittenti u u ai termini ta' dan il-ftehim Jonathan Vella kien obbliga ruhu li jaffetwa dak il-hlasijiet indikati f'tali ftehim lis-societa mittenti u dan ai termini imposti fuqu mill istess socjeta mittenti, li konsegwentament li fl-eventwalita' li Jonathan Vella ma jibqax jonora l-obbligi assunti minnu, is-societa mittenti ghandha tfittex lil Jonathan Vella;*

8. *Illi l-pretensjoni tas-societa intimata hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk l esponent qieghed jopponi din it-talba u, ai termini tal-Artikolu tal-Ligi fuq imsemmi huwa qieghed jipprezenta r-rikors prezenti.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunjiet premessi u ghar-ragunijiet li ser jirrizultaw waqt it-trattazioni tal-kawza, l-esponenti a tenur ta' l-artikolu 466 (2) tal-Kap 12 jopponi ruhu ghat-talba tas-societa' intimata u konsegwentament umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti;*

1. *Prevja qualsiasi dikkjarazzioni tal-volta mehtiega u necessarja, tiddikjara li t-talba tas societa initimata Automated Revenue Management Services Limited, fil-konfront rikonenti Joseph Farrugia bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u tillibera lill-istess rikorenti Joseph Farrugia mill-osservanza tal-gudizzju;*

2. *Tiddikjara t-talba tas-socjeta Automated Revenue Management Services Limited, kif dedotta fl-ittra ufficiali li ggieb in-numru 724/16 hija nfondata fil-fatt u fid-dritt:*

3. *Tirrevoka, thassar u tikkandella l-effetti kollha tal-ittra ufficiali li ggieb in numru 724/16.*

Rat id-dokumentazzjoni ppresentata mir-rikorrent flimkien mar-rikors promotur ossija l-kuntratt datat 20 ta' Mejju 2003 fejn ir-rikorrent ghadda l-hanut 11, Main Street, Tarxien, lill Paul Vella (fol 4) dokument ta' bidla tal-kerrej datat 22 ta' Settembru 2011 illi qatt ma gie finalizzat (fol 6-9).

Rat ir-risposta tas-socjeta rikorrenti ppresentata fid 29 ta' April 2016 fejn laqghet ghal dak mitlub billi qalet s-segwenti:

*Illi s-socjeta' Automated Revenue Management Services Limited intavolat l- ittra gudizzjarja bin-numuru 724/16 ai termini tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta Malta kontra r-rikorrent Joseph Farrugia u Jonathan Vella, kopja ta' liema ittra qieghda tigi annessa u mmarkata bhala Dok. ARMS1;*

*Illi s-socjeta esponenti hija kreditrici tar-rikorrent Joseph Farrugia u Jonathan Vella fl-ammont ta' ghaxart elef, hames mija u tmienja u hamsin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€10,558.21) rapprezentanti f'konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meters tal-ilma u elettriku, spejjez amministrattivi, disconnection fees, flimkien ma' imghax dovut skont il-ligi relatati mal-kont tas-servizzi utili indikat fl-imsemmija ittra ufficjali u dan salv ammonti ohra dovuti;*

*Illi s-socjeta' esponenti tirrespingi l-pretensjonijiet kollha migjuba mir rikorrent Joseph Farrugia bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

*Illi huwa r-rikorrent Joseph Farrugia li huwa rregistrat fuq il-kont in kwistjoni u jibqa' ghalhekk responsabbli ghal tali kont ta' servizzi utili sakemm ma tigi intavolata applikazzioni bid-dettalji kollha mitluba sabiex il-kont jingeleb isem haddiehor;*

*Illi l-kuntratt datat l-ghoxrin (20) ta' Meiju tas-sena elfejn u tlieta (2003) bejn ir-rikorrent Joseph Farrugia u certu Paul Vella ipprezentat mar-rikors odjern u mmarkat bhala Dokument A huwa res inter alios acta ghas esponenti u ghalhekk bl-ebda mod ma jinpingi fuq ir-relazzjoni tas-socjeta' esponenti mar rikorrent Joseph Farrugia bhala l-persuna registrat fuq il kont in kwistjoni;*

*Illi r-rikorrent Joseph Farrugia ghadu sal-lum il gurnata registrat bhala l- konsumatur fuq il-kont in kwistjoni u ghalhekk minkeija repayment agreements iffirmati minn persuni ohra, ir-rikorrent Joseph Farrugia jibqa' responsabbli in solidum ghall-ammont kollu dovut, kemm dak soggett ghal repayment agreement kif ukoll ammonti li bagghu jakkumulaw fuq il-kont in kwistjoni;*

*llli l-ittra ufficjali in kwistjoni hija valida u ghandha tigi reza ezekuttiva kontra r-rikorrent Joseph Farrugia stante li jissussistu l-elementi kollha taht l-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u kien ghalhekk illi s-socjeta esponenti mexiet mal procedura kkontemplata fl-imsemmi artikolu.*

*In vista tas-suespost, u b rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li ggib is-socjeta esponenti fil-mori ta' dawn il-proceduri, is-socjeta' esponenti hija tal-umli fehma li din l-Onorabbli Qorti ghandha twarrab it-talba tar-rikorrent Joseph Farrugia, bhala wahda minghajr ebda bazi u li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara li l-ittra ufficjali bin-numru 724l16 intavolata ai termini tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12, a reza ezekuttiva kontra r-rikorrent.*

Rat kopja l-atti tal-Ittra Ufficjali annessi mir-Registratur tal-Qorti a fol 19 sa 23 tal-process.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti **Joseph Farrugia** moghtija fis 7 ta' Lulju 2016.

Semghet ix-xhieda tar-rappresentant tal-ARMS, **Reuben Bonnici**, prodott mir-rikorrenti u moghtija fis 7 ta' Lulju 2016 u rat id-dokumentazzjoni varja minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Emanuel Garzia**, prodott mir-rikorrent u moghtija fit 3 ta' Novembru 2016.

Rat illi fit 3 ta' Novembru 2016 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Rat illi fid 19 ta' Jannar 2017 is-socjeta intimata gharrfet lill-Qorti illi Jonathan Vella, li kontrih ukoll kienet inharget l-Ittra Ufficjali meritu tal-kawza odjerna, kien gie debitament notifikat bl-istess Ittra fit 22 ta' Dicembru 2016 (fol 84)

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Joseph Farrugia moghtija fid 19 ta' Jannar 2017.

Semghet ix-xhieda ulterjuri in kontro ezami u ri ezami ta' Joseph Farrugia moghtija fis 26 ta' Gunju 2017.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami u ri ezami ta' Reuben Bonnici moghtija fid 19 ta' Ottubru 2017.

Semghet ix-xhieda ta' Reuben Bonnici moghtija fit 23 ta' Novembru 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Josephine Montebello** moghtija fit-18 ta' Jannar 2018.

Semghet ix-xhieda ta' Reuben Bonnici moghtija fid 19 ta' Frar 2018 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat il-kopja legali tal-Ittra Ufficjali meritu tal-kawza odjerna u ppresentata mis-socjeta intimata fid 19 ta' Frar 2018.

Rat illi fid 19 ta' Frar 2018 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Semghet it-trattazzjon orali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**.

Jirrizulta illi r-rikorrent kien wella hanut fl-indirizz 11, Triq il-Kbira, Tarxien, illi kien hanut tal-laham minghand is-sid, Emanuel Garcia, fis-17 ta' Settembru 2001.

Jirrizulta illi, dakinhar illi huwa wella l-post, is-sid Garcia dawwar il-kont tad-dawl u ilma ghal fuq ir-rikorrent, Joseph Farrugia.

Jirrizulta illi fl-20 ta' Mejju 2003, permezz ta' kuntratt illi gie esebit a fol 4 tal-process, ir-rikorrent dawwar il-hanut ghal fuq Paul Vella.

Jirrizulta illi, skond ix-xhieda ta’ Farrugia, ftit wara, f’Mejju/Gunju 2003, huma marru flimkien fl-ufficcju tal-Korporazzjoni tal-Ilma, illi dak iz-zmien kienet tiehu hsieb is-servizz tad-dawl u ilma mal-konsumatur, u flimkien iffirmaw id-dokumentazzjoni kollha sabiex il-kont idur minn fuq Joseph Farrugia ghal fuq Paul Vella.

Jirrizulta, madanakollu, illi wara li ffirmaw kollox, Paul Vella intalab jipproduci il-permess minghand il-Pulizija, u ghalhekk id-dokumentazzjoni thalliet ghand il-Korporazzjoni sakemm Vella jipproduci tali permess filwaqt illi r-rikorrent mar lura d-dar mohhu mistrieh illi l-kont kien iddawwar.

Jirrizulta illi Paul Vella qatt ma mar lura fl-ufficini tal-Korporazzjoni w il-kont tad-dawl qatt ma dar ghal fuq Paul Vella.

Jirrizulta illi tali dokumentazzjoni qatt ma giet prodotta quddiem dina l-Qorti u qatt ma giet rintraccjata mis-socjeta intimata fid-dokumentazzjoni taghha.

Jirrizulta illi l-kontijiet tad-dawl u ilma tal-fond kienu dejjem jintbghatu fl-indirizz tal-hanut, u ghalhekk ir-rikorrent qatt ma kien a korrent tal-fatt illi s-servizz qatt ma dar minn fuqu ghal fuq Paul Vella.

Jirrizulta illi fis-sena 2010, ir-rikorrent ircieva, ghall-ewwel darba, il-kont tad-dawl u ilma tal-hanut fid-dar tieghu, u minnufih mar l-ufficini tas-socjeta intimata, fejn gie mgharraf illi l-kont kien ghadu jghajjat lilu.

Jirrizulta illi ghalhekk huwa mar il-hanut illi huwa kien ghadda lill-Paul Vella, fejn huwa sab lit-tifel tieghu, Jonathan Vella, illi kien ha it-tmexxija tal-hanut huwa minghand missieru.

Jirrizulta illi, rinfaccjat b’dina s-sitwazzjoni, Jonathan Vella, flimkien mar-rikorrent, marru fl-ufficini tas-socjeta intimata u fl-14 ta’ April 2010 l-istess Jonathan Vella iffirma ftehim mas-socjeta intimata fejn huwa kien qieghed jassumi l-hlas tal-bilanc ta’ €6,509.57 li kien hemm fuq il-kont li kien ghadu jghajjat lir-rikorrent (fol 54), u dakinhar stess hallas parti mill-bilanc, ossija €1,200 (fol 125).

Jirrizulta illi sussegwentement, fit-22 ta’ Settembru 2011, ir-rikorrent u Jonathan Vella marru flimkien ghand is-socjeta intimata u iffirmaw il-formula tar-‘*Registrazzjoni ta’ Bidla tal-Konsumatur*’ li thalliet ghand is-socjeta intimata (fol 60), liema trasferiment, izda, baqa’ ma sarx ghax il-bilanc tal-kont pendenti kien ghadu ma thallasx.

Jirrizulta, eventwalment, illi fil-11 ta’ Ottubru 2011 inqata’ d-dawl fil-hanut (fol 49) u minn dakinhar ‘l quddiem, id-dawl qatt ma reggha gie mqabbad, ghalkemm is-socjeta intimata baqghet tohrog kontijiet regolari ghal hlas tal-meter fil-periodi sussegwententi, meta d-dawl kien maqtugh.

Jirrizulta illi eventwalment is-socjeta intimata ghamlet l-Ittra Ufficjali meritu tal-kawza odjerna, mibghuta lill Joseph Farrugia u Jonathan Vella, fejn, fil kaz ta’ Joseph Farrugia, dina giet notifikata fil-5 ta’ April 2016 (tergo 195) u kkontestata minnu permezz tal-proceduri odjerni fil-15 ta’ April 2016, filwaqt illi fil-kaz ta’ Jonathan Vella, dina giet notifikata lilu fit-22 ta’ Dicembru 2016 u baqghet ma gietx ikkontestata minnu.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta ben car, mid-dokumentazzjoni kollha esebita kemm mir-rikorrent kif ukoll mis-socjeta intimata, illi l-kont tad-dawl u ilma tal-hanut bin-numru 11, Triq il-Kbira, Tarxien, kien gie assunt minn Jonathan Vella fl-14 ta' April 2010, fejn huwa specifikat "*Mr Vella Jonathan is assuming liabilities of the Outstanding Dues*". (fol 54-55)

Jirrizulta ukoll illi dakinhar tal-ftehim fuq imsemmi sar ukoll pagament ta' €1,200 mis-Sur Jonathan Vella stess.

Jirrizulta ben car ukoll illi, sussegwentement, fit-22 ta' Settembru 2011, ir-rikorrent, Joseph Farrugia flimkien ma' Jonathan Vella, iffirmaw dokument fejn tali responsabbilta' kienet kristalizzata fl-iffirmar tad-dokument '*Registrazzjoni ta' Bidla tal-Konsumatur*'.

Jirrizulta, madanakollu, minkejja tali dokumentazzjoni kollha, is-socjeta intimata rrifjutat illi dawwar il-kont fuq Jonathan Vella u ghalhekk tehles lir-rikorrent Joseph Farrugia minn kwalsiasi obbligu illi kellu.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi, skond l-Artikolu 72 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 545.01 intitolata '***Regolamenti Fuq il-Provvista ta' l-Elettriku***',

> *Ebda konsumatur ma jeħles mill-obbligu tal-ħlasijiet tal-ħlas tal-meter jew tal-konsum f'lok imgħammar minnu kemm-il darba u sakemm ma jagħtix avviz bil-miktub lic-Chairman fejn ifissirlu li ma bi ħsiebux jibqa' juza l-kurrent elettriku minn dik id-data li tingħata minnu, u kemm-il darba u sakemm ma jkunx ħallas kull somma ta' flus li l-konsumatur ikollu jagħti taħt dawn ir-regolamenti*

Jirrizulta, ben car, illi fl-14 ta' April 2010, sar ftehim mas-socjeta intimata fejn Jonathan Vella assuma r-responsabbilta' kollha tal-kont tal-fond 11, Triq il-Kbira, Tarxien, u ghalhekk, huwa ben car illi s-socjeta intimata kienet a korrent tal-fatt illi r-rikorrent Joseph Farrugia ma baqax aktar responsabbli ghall-kont tad-dawl u ilma ta' tali fond.

Jirrizulta, sahansitra, illi tali informazzjoni giet anke redatta fil-presentata tad-dokument prodott mis-socjeta intimata, maghruf bhala '*Registrazzjoni ta' Bidla tal-Konsumatur*', fejn gie ufficjalizzat fit-22 ta' Settembru 2011 illi Joseph Farrugia ma kienx aktar responsabbli tali kont.

Finalment, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, tant is-socjeta intimata kienet a korrent ta' dan illi, fil-kont minnha ppresentata quddiem dina l-Qorti bhala Dok RB3 (fol 49), il-kont jibda mill-gdid mill-14 ta' April 2010, ossija d-data meta Jonathan Vella assuma l-ammont kollu dovut.

Ghaldaqstant, il-Qorti tara illi, fil-kaz odjern, la darba s-socjeta intimata ghazelt illi tuza l-proceduri lilha pprovduta fl-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizulta bl-aktar mod car illi r-rikorrent dejjem ikkontesta l-ammont rikjest minnu u is-socjeta intimata kienet ben konxja taghha u ghalhekk l-ammont rikjest ma jistax jitqies bhala 'cert, likwidu u dovut' fil-konfront ta' Joseph Farrugia.

L-istess, madanakollu, ma jistax jinghad fil-konfront ta' JonathanVella, li fil-konfront tieghu inharget ukoll l-Ittra Ufficjali u li l-effetti ghandhom jibqu ghalhekk vigenti fil-konfront tieghu.

## Konkluzjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi prodotti miz-zewgt partijiet,

Wara illi semghet is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi dina l-vertenza billi,

**Tilqa** t-talba tar-rikorrenti

**Tichad** l-eccezzjonjiet tas-socjetajiet intimati u ghalhekk

**Tiddikjara** l-Ittra Ufficjali Nru 724/16 mibghuta lill Joseph Farrugia a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta bhala wahda infondata fejn tirrigwarda t-talbiet maghmulha fil-konfront ta' l-istess Joseph Farrugia filwaqt illi zzommha applikabbli ghal dak illi jirrigwarda dak mitlub lill Jonathan Vella.

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku tas-socjetajiet intimati Automated Revenure Management Services Limited, Enemalta plc u Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma *in solidum* bejniethom.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur